# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stacy Attard)**

**vs**

**Themistocles Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 769/18**

**Illum, is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Themistocles Attard detentur tal-karta tal-identita' numru 144872M akkuzat talli nhar it-8 ta' Dicembru, 2018, ghall-habta tas-19:00hrs minn.gewwa l-istabbiliment bl-

isem ta' London Store li jinsab fi Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera:

1. Ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Joseph Saliba u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra skond *Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Saliba kontra l-volonta' tieghu skond l-Artikoli *86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, waqt illi kien qieghed jaghmel reat kontra il-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni skond Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu arma tan-nar jew munizzjon minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija skond *Artikolu 52 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara, hassar jew ikkawza hsara fuq oggett mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn €250 izda inqas minn €2,500 ghad-detriment ta' Joseph Saliba u/jew persuna/i ohra skond *Artikolu 325(1)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u il-Qorti tal-Apell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu ma l-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi f'kaz ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021 fejn dan ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat ir-Rapport tal-ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss fejn din kienet qed issegwi lill-imputat tul dawn il-proceduri kollha u fejn irrapurtat illi llum il-gurnata l-imputat huwa hieles mill-vizzju tad-droga u fejn huwa stess jitlob ghal sessjonijiet mal-psikologu sabiex jiddiskutu xi affarijiet personali tieghu. Hija tghid ukoll illi l-imputat ghandu mpjieg fiss izda ukoll qed jahseb sabiex jibda negozju ghal rasu.

Ikkunsidrat illi ghalkemm ir-reati li bihom hu addebitat l-imputat huma serq b'vjolenza dawn xorta wahda ma jaqbzux il-parametri tas-sebgha (7) snin prigunerija u kwindi tista' tiddipartixxi milli

timponi piena karcerarja u ghaldaqstant ser timponi piena retributorja taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 267, 270, 274, 275, 276, 86, 87(1)(e), 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 55(a) u 52 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza u l-hames (5) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza qed issib lill-imputat **Themistocles Attard** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza. Inoltre' l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas ta' multa ghar-raba' (4) akkuza ta' sitt mija, tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81).

Inoltre' l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez lill-parte civile ghas-somma ta' erbgha mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€440.60).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**